LEHEN IL-MALTI

L-GĦOXRIN SENA JANNAR-MARZU, 1950. Għadd 227-229

# FRIEDRICH NIETZSCHE

Editorjal tal-Prof. Ġ. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond).

*Il-ħsebijiet kbar jew oriġinali joħolqu kurrenti fid dinja bħalma tagħmel blata kbira meta taqa' mill-għoli ġewwa għadira. Il-kotba l-kbar tad-dinja, bħal din il-blata l-kbira, ċaqalqu l-baħar tal-ħajja. Biċċa mill-kurrenti waqfu wara s-snin, oħrajn għadhom jiġru u jitwessgħu. Fost dawn il-kotba li ċaqalqu l-ħajja meta ħarġu u ħallew effetti kbar warajhom, insibu l-ktieb "Das Sprach Zarathustra"* (Hekk Tkellem Zarathustra), *miktub minn Friedrich Nietzsche* (1844-1900) *ta' nisel Pollakk, bin qassis Luteran. Meta kien għadu tifel mar fl-iskola ta' Bamburg u Schulpforta, imbagħad meta kiber, studja fl-università ta' Bonn fejn ħa d-dottorat tal-filosofija. Laħaq Professur f'Basel ta' 25 sena fejn għallem 10 snin sa ma kellu jitlaq minħabba saħħtu u mar igħix fin-naħa ta' fuq tal-Italja u fir-Riviera Franċiża. Fl-1889, jiġifieri meta kellu 45 sena, iġġennen u ta 56 miet. Din hi l-ħajja ta' Nietzsche fil-qosor.*

*L-importanza ta' dan l-awtur tinħass fl-effett li kellu fuq il-ħsieb u l-letteratura ta' żmienu u ta' warajh. Nietzsche għallem li ċ-ċiviltà tagħna u l-bniedem kif nafuh għad ma laħqux dak il-grad għoli ta' perfezzjoni li messhom laħqu. Għallem li il-bniedem għad fadallu muntanji x'jixxabbat; li ma jkunx tabilħaqq bniedem qalbieni qabel ma jitla' sa fuq il-quċċata tagħhom fejn jimirħu rjieħ oħra u tiddi xemx aktar qawwija. Zarathustra, il-Profeta Persjan taż-Zend-Avesta, f'dan il-ktieb ifisser u jxerred l-idejali ta' Nietzsche. Naqraw li: "Meta Zarathustra wasal fil-belt li tiġi qrib il-masġar, sab fis-suq ħafna nies miġbura għax kienu qalu li riedu jaraw kummidjant. U Zarathustra kellem lil dawk in-nies u qallhom:*

"Jien sa ngħidilkom min hu l-Bniedem il-Kbir." *Il-bniedem hu ħaġa li tridu tisbquha. X'għamiltu intom biex tisbqu l-bniedem?*

*Kull ħaġa s'issa ħolqot xi ħaġa aqwa minnha nfisha: ser*

*tkunu intom il-frugħ ta' dan il-baħar kbir u terġgħu lura lejn il-bhima biex ma tikbrux iżjed mill-bniedem?*

*X'inhi x-xadina fejn il-bniedem? Daħka, ħaġa li ġġagħlek tistħi. Hekk ukoll ikun il-bniedem ħdejn il-Bniedem il-Kbir — daħka, ħaġa li ġġagħlek tirgħex.*

*Intom imxejtu t-triq twila minn dudu sa bniedem, imma ġo fikom għad baqa' ħafna mid-dudu. Darba kontu xadini u l-bniedem sallum għadu xadina aktar mix-xadina.*

*Għax dak li hu l-egħref fostkom huwa taħwida, taħlita ta' xitla u ħares. U jewwilla jien qed ngħidilkom biex issiru xtieli jew iħirsa?*

*Araw,jien qed ngħallimkom il-Bniedem il-Kbir!*

*Din id-dinja ma tfisser xejn mingħajr il-Bniedem il-Kbir. Qisu li r-rieda tagħkom tgħid: ikun il-Bniedem il-Kbir it-tifsira tad-dinja.*

*Nitlobkom, ja ħuti, ibqgħu marbutin mal-art, la temmnux lil dawk li jridu jibnulkom it-tama tal-ħajja fuq ħrejjef ta' dinja oħra. Huma n-nies tas-semm, jafu u ma jafux li huma hekk.*

*Huma l-maqdara tal-ħajja, fl-itruf ta' għomorhom huma nfushom avvelenati. Il-ħajja xebgħet minnhom. Warrbuhom minn fostkom!"*

*Dana, bejn wieħed u ieħor hu l-istil ta' Nietzsche li kiteb il-Vanġelu anti-Kristjan. Għax jekk l-appostli tista' tgħid li kienu mnebbħin mis-sema biex jiktbu l-kelma t'Alla, tista' tgħid ukoll li Nietzsche kien ispirat mill-għadu Tiegħu biex jikteb il-Vanġelu anti-Nisrani. L-istil tiegħu huwa bibliku, qawwi, mimli xbihat meħudin mill-mitoloġija tal-lvant, kuraġġjuż, ardit, tal-biża' għax kbir, u kbir għax miktub bl-akbar sengħa, imħeġġeġ bit-tbaqbiq tan-nifs tal-ispirazzjoni.* Das Sprach Zarathustra *huwa ktieb ispirat. Huwa l-kontro-programma tat-taħdita fuq il-Muntanja ta' Ġesù Kristu fejn l-Imgħallem tagħna wiegħed il-hena lil dawk li jitbekkew f'din id-dinja, ħaqq lill-imsawwtin u 'l-maħqurin, u t-tgħanniqa t'Alla lill-imwarrbin.*

*Kristu f'dan id-diskors fisser ukoll il-qalb u r-ruħ li jibnu l-personalità tal-Bniedem il-Kbir Nisrani, il-Bniedem il-Kbir li jissagrifika ruħu, li jekk xi ħadd isawtu fuk wiċċu jaħfirlu. Zarathustra qal li "L-bniedem huwa ħabel bejn il-bhima u l-*

Bniedem il-Kbir — ħabel minn fuq abbiss". In-nies il-kbar tan-Nazzarenu, meta taw lilhom infishom lil għajrhom bħalma Alla Sidna kien ta lilu nnifsu fuq Salib, meddew ħabel mhux bejn il-bhima u l-bniedem biss imma bejn is-sema u l-art. Dawn huma l-apoteosi tal-Ubermensch Nisrani. Il-qaddis li ma jagħmilx kompromessi mal-kuxjenza tiegħu, li hu akbar minn dawk il-bhejjem, li bħal Nietzsche ċaħdu 'l Kristu u ikbar ukoll minn dawk l-Insara ordinarji li ta' kuljum jiftiehmu mal-kuxjenza, minn dawk l-Insara li jxandru l-morali ta' Kristu bil-qiegħda fuq pultruna u jippriedkaw il-faqar ta' Kristu lil ħaddieħor, imdawrin bil-ġid ta' did-dinja. Il-Bnedmin il-Kbar Insara huma nies bħal San Franġisk li qassam ġidu, San Vincenz de Pauli li dewwa ġisem il-morda, u dawk kollha li jgħixu u jmutu għal Idejal u għall-bżonn jissallbu għalih fost id-daħk u t-tmaqdir tan-nies. Din hi t-teorija tal-Ubermensch Nisrani.

Imma Nietzsche qal li hemm Ubermensch ieħor, il-Bniedem il-Kbir Sataniku li jara fiċ-ċaħda tal-virtujiet Insara l-qawma tal-Bniedem il-Kbir, il-bniedem ġdid li ħoloq hu. Il-Bniedem il-Kbir ta' Nietzsche hu krudil, Nażista, Faxxista, Prussjan, Kremlinista, dittatur, inkiżitur, il-bully ta' l-istorja li n-nies meħudin bil-marda tal-hero-worship jaduraw fil-persuna ta' Alessandru l-Kbir, Napuljun, Hitler u Stalin u ħafna "kbar" oħra tal-ġrajja ta' żmienna u tal-imgħoddi.

Il-Ħniena ta' Kristu, għal Nietzsche, hija ħrafa għax hu għallem flokha l-qlubija tal-gwerra. Isimgħu l-Vanġelu Sataniku ta' Nietzsche:—

"Aħna lill-agħar għedewwa ma rriduhomx iħennu għalina, lanqas ma rridu li jħennu għalina dawk li jħobbuna b'qalbhom kollha. Mela ħa ngħidilkom is-sewwa!

Ja ħuti li tagħmlu l-gwerer! Jien inħobbkom minn qiegħ qalbi. Jien dejjem kont u għadni bħalkom. Imbarra dan jien ukoll l-eħbeb għadu tagħkom. Mela ħa ngħidilkom is-sewwa!

Jiena naf il-mibegħda u l-għira ta' qalbkom. La darba intom kbar intom ma tistgħux ma tgħirux u tobogħdu. Mela kunu kbar tassew u la tistħux minnhom!

U ladarba intom ma tistgħux tkunu l-qaddisin tal-għerf,

*kunu għallinqas il-gwerriera tiegħu, għax dawn idaħħlu fid-dinja l-qdusija tal-għerf.*

*Jien qed nara ħafna suldati; kemm xtaqt nara aktar gwerrieri! Libsithom tissejjaħ "uniformi": kemm kont nixtieq li ruħhom ma tinħebhiex f'uniformi wkoll!*

*Nixtieqkom tkunu bħal dak li għajnejh dejjem ifittxu l-għadu tiegħu — l-għadu tagħkom. U x'uħud minnkom jafu jobogħdu mad-daqqa t'għajn.*

*Intom tfittxu l-għadu tagħkom, u tagħmlulu gwerra, gwerra għall-idejat tagħkom! u jekk l-idejat tagħkom jitilfu, rebbieħa dejjem tkun l-onestà tagħkom.*

*Il-paċi tħobbuha biss bħala mezz għal gwerra oħra — u aħjar paċi qasira minn paċi twila.*

*Jiena ngħidilkom biex ma taħdmux, imma tiġġieldu. Jiena ngħidilkom tagħmlux paċi imma irbħu. Ħalli jkun ix-xogħol tagħkom it-taqbid u l-paċi tagħkom ir-rebħa!*

*Il-bniedem jista' jsib il-mistrieħ biss meta jkollu f'idejh il-qaws u l-vleġġa: inkella jinħela fit-tlablib u t-tilwim. Qisu li l-paċi tagħkom tkun ir-rebħa!*

*Jewwilla taħsbu li kawża tajba biss tqaddes il-gwerra? Jiena ngħidilkom: gwerra tajba tqaddes kull kawża."*

*U idejat tal-biża' bħal dawn jibqa' jfisser Nietzsche fuq il-gwerra u l-gwerrieri li flimkien mal-kapitli l-oħra tal-ktieb iwaqqgħu l-moralità ta' Kristu ta' Nazaret. Għalhekk Nietzsche ftaħar li hu kien l-ewwel kittieb immoralista li ried jagħti lid-dinja l-Bniedem il-Kbir skond filosofija ta' din l-art, għal ulied din l-art li għalihom hi ħrafa kull tama tas-sema, u debbolezza ta' min jistħi minnha l-ħniena u l-mogħdrija tan-Nazzarenu.*

*X'inhu li ta fama kbira lill-ktieb ta' Nietzsche? Jistħoqqlu, kif għidtilkom, l-isem tal-Vanġelu anti-Kristjan. L-ewwelnett hu miktub bl-istil għoli poetiku viżjonarju li jtaffi l-kruha tal-idejat għax il-moħħ imsaħħar flok janalizza, jaċċetta l-impressjonijiet oriġinali ta' moħħ poetiku. Imbagħad hemm raġuni oħra, u din hi li meta ħareġ kien iż-żmien tal-materjaliżmu, iż-żmien tar-razzjonaliżmu, iż-żmien tal-filosofija bla Alla; żmien il-filosofija ta' A. Schopenhauer (1788-1860) l-awtur ta' "Il-Dinja bħala Rieda u bħala Ideja", żmien il-pessimiżmu filosofiku*

*ta' Haeckel u Spencer, perijodu li witta t-triq għad-dotrina positiva ta' Auguste Comte* (1798-1857), *iż-żmien tad-Darwinisti fix-xjenza, u s-snin tad-dubju u taċ-ċaħda ta' Renan. U kienu ħafna l-intellettwali li ntrebħu mill-idejat ta' Nietzsche, fost dawn Giovanni Papini qabel ma sar Kattolku, u l-poeta Ingliż Davidson* (1857-1909) *li meta d-dinja ma sabhiex kif xtaqha, u lanqas ħa minn għandha dak li kien jistenna bħala* Ubermensch, *qatel lilu nnifsu kiesaħ u biered bħala att ta' rieda maħsuba, wara li kien fisser il-fehma tiegħu dwar is-suwiċidju fil-poeżija* The Testament of John Davidson.

*Il-ħajja tiċċajta ikraħ u ċajta tassew kerha għamlet lil Friedrich Nietzsche, il-faħħar tal-gwerrier u tal-bniedem b'saħħtu, għax meta dan kien għad għandu 45 sena, kif għidtilkom marad u ġġennen. Skond l-istess tagħlim tiegħu, huwa minn dak inhar stess sar wieħed mid-dgħajfin li ma kellu l-ebda jedd għall-ħniena u l-mogħdrija tal-Qawwijin. Għall-Bniedem il-Kbir Nietzschjan, Nietzsche marid jiġġerra bla magħruf u barra minn sensih fit-toroq ta' Torin, kien bla drittijiet morali.*

*Wieħed Kbir, elf u tminn mitt sena qabel kien xandar kodiċi ta' ħniena u mħabba għall-morda u għall-imdejqin. Dan kien il-kodiċi ta' Ġesù Kristu, dak li Nietzsche għajjar u maqdar kemm felaħ. Fl-*1900, *Nietzsche miet u ħalla warajh, imbarra l-ktieb li semmejna, xogħlijiet oħrajn, fost dawn l-aktar magħrufa,* l-Ecce Homo, Gai Saber, *u* Lilhinn mit-Tajjeb u l-Ħażin, *kotba li filosofikament huma dokument tal-falliment ta' bniedem u ġenerazzjoni Atej, li wara li ċaħdu s-saltna sabiħa tal-Kristjaneżmu, riedu jibnu flokha s-saltna tal-bniedem f'din id-dinja. L-esperjenza ta' żewġ gwerer koroh giddbu din il-ħolma tal-biża'. Il-kotba ta' Nietzsche bħala xogħlijiet letterarji għandhom dawk il-merti ta' ġenju oriġinali li ħalla jiġru fil-wiċċ tal-istorja taċ-ċiviltà mħawda tal-bniedem ħafna idejat perikolużi.*

*Idejat perikolużi sakemm l-esperjenza ma tgiddibhomx. U l-idejat ta' Nietzsche kienu mgiddbin fil-ġrajja tad-dinja u fil-ġrajja tiegħu stess.*

*Hemm* Ubermensch *wieħed — dak li għidtilkom fil-bidu — Il-Bniedem il-Kbir Nisrani, li hu medda twila ogħla u aqwa min-Nisrani ordinarju.*